MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 45

It-Tnejn, 12 ta' Marzu, 2018

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Membri tal- Pubbliku: (0)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Nil

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is- Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 45.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

45.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji imressqa.

## 45.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

45.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tal-erbgħa u erbgħin (44) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

45.2.1.1. Il-Kunsilliera JBD ressqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera LAG favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

45.2.2. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal materja 44.2.3 u qal li jinsab infurmat li s-Sindku JC għaddej b'diskussjonijiet dwar l-iżvilupp tad-Depot 31 ta' Marzu. Huwa talab sabiex possibbilment, il-Kunsill ikun aġġornat bl-iżviluppi fil-laqgħa li jmiss. Is-Sindku JC informa li għadu kmieni li jsir dan minħabba li tali diskussjoni għadu fi stadju bikri.

45.2.3. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal materja 44.2.6 u staqsa liema huma t-toroq. Huwa kien infurmat li dawn huma Triq il-Bżulija u Triq il-Musbieħ, imsemmija f'minuta 44.4.1.

45.2.4. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal materja 44.2.21 li titratta linji ta' Triq il-Port Ħieles, kif ukoll għall-korrispondenza riċevuta minn Transport Malta fir-rigward ta' din l-applikazzjoni. Huwa rrimarka li l-materja għanda tiġi mgħoddija lil Perit, u li għandu jintalab jinkludi *zebra crossing* viċin tas-*substation* ta' Triq il-Port Ħieles.

**NB. 5.37 pm. Il-Kunsillier AC attenda għal-laqgħa**

45.2.5. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal materja 44.15.1 u staqsa jekk kienx hemm risposti mill-Inġinier. Huwa kien infurmat fin-negattiv. Il-Kunsill qabel li għandu jinbidel l-inġinier b'mod immedjat.

45.2.6. Il-Kunsilliera JBD għamlet riferenza għal materja 44.2.4 li titratta l-laqgħa dwar it-Trasport Pubbliku u staqsiet meta din ser ssir. Hija kienet infurmata li intbagħtet *reminder* fuq dan lil TM.

45.2.7. Il-Kunsilliera JBD għamlet riferenza għal materja 44.2.15 li titratta twaħħil ta' kamera fi Triq il-Fossili, u staqsiet jekk kienx hemm tweġiba. Hija kienet infurmata fin-negattiv.

45.2.8. Il-Kunsilliera JBD għamlet riferenza għal materja 44.2.16 li titratta l-ilma baħar fi Triq San Ġorġ, u staqsiet x'għamel il-Kunsill. Is-Sindku fakkar li dan huwa proġett ta' Transport Malta, li minn kemm ilu mwaqqaf il-Kunsill Lokali ilhom isiru laqgħat. Matul din il-leġislatura dan il-proġett ġie mitkellem f'diversi okkażjonijiet, fosthom waqt laqgħat li għalihom kienu mistiedna l-membri kollha tal-Kunsill. Huwa fakkar li żmien ilu, il-Perit Edric Micallef minn TM kien ipprepara l-pjanti, u li issa għaddew għand il-Perit David Vassallo, minħabba bdil ta' responsabiltajiet. Huwa fakkar li anke fondi kien hemm ivvutati minn TM għal dan il-proġett. Il-Kunsill issa qed jistenna li jibda dan ix-xogħol u għalhekk ser jieħu ħsieb li tintalab laqgħa mal-Perit li ħa l-inkarigu ta' dan il-proġett. Is-Sindku fakkar ukoll li l-ilma baħar ilu jitla' iktar minn 50 sena u dan huwa fenomenu tan-natura, u mhux xi fenomenu ta' issa. Is-Sindku ħa spunt u talab ukoll għal iktar serjetà mill-membri tal-Kunsill meta jsiru korrispondenza u diskussjonijiet, u mhux bħal korrispondenza li ra għaddejja fuq dan il-każ. Huwa fakkar li kull Kunsillier għandu juri responsabbiltà.

45.2.9. Il-Kunsilliera JBD għamlet riferenza għall-Proġett tal-Qajjenza u staqsiet jekk hemmx xi possibiltà li ħdejn Batterija Ferretti jiġi rranġat sabiex jitkompla l-prominad. Is-Sindku informa li l-pjan hu li din il-parti tingħaqad ukoll u b'hekk issir prominad waħda, mill-Qajjenza sal-Freeport.

45.2.10. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 44.2.2 li titratta l-*bollards* ta' quddiem Triq iż-Żejtun, u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex risposta. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

45.2.11. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 44.2.3 li titratta l-użu tad-Depot 31 Marzu, u staqsa jekk kien hemm risposti. Is-Sindku wieġeb li għadu kmieni.

45.2.12. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 44.2.7 li titratta l-asfaltar tat-toroq ta' Bengħisa, u staqsa jekk hemmx pjan meta ser jitlesta x-xogħol. Is-Sindku informa li x-xogħol għaddej b'rata mgħaġġla u qed jinbidlu anke l-*mains* tal-ilma, u qed jitpoġġew servizzi ġodda tad-drenaġġ.

45.2.13. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 44.2.7 u staqsa dwar il-possibiltà li jsiru bankini u jitħawwlu siġar. Is-Sindku informa li ser jiddiskuti dawn max-xogħlijiet. Huwa informa wkoll li hemm ħafna siġar morda.

45.2.14. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 44.2.9 u qal li huwa evidenti li sal-Festa mhux ħa jilħaq isir xi xogħol mill-GHRC fir-rigward tal-pjazza tal-Knisja, u għalhekk irrakkomanda li tinsab soluzzjoni temporanja għat-tqegħid tal-planċieri. Il-Kunsill qabel li s-Sindku jorganizza laqgħa separata mal-Kunsillieri sabiex jiġu diskussi alternattivi.

45.2.14.1. Il-Kunsillier SZ issuġġerixxa li ssir laqgħa ta' aġġornament mal-GHRC sabiex il-Kunsill ikun aġġornat sa fejn waslu l-pjanijiet. Il-Kunsill qabel.

45.2.14.2. Is-Sindku informa wkoll li kellem lill-kuntrattur li qed jaħdem fil-Bajja s-Sabiħa sabiex jagħlaq it-trinek sal-Għid il-Kbir, u dan sabiex ma jkunx hemm intoppi għall-festa tal-Irxoxt. Il-kuntrattur ikkopera, u ser jagħmel l-almu tiegħu.

45.2.15. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 44.2.18 li titratta t-talba għall-ħlas mis-Sur Schembri. Is-Sindku ikkonferma li l-materja qegħda f'idejn l-avukat.

45.2.16. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 44.11.2 li titratta Triq Kalafrana, u staqsa jekk irċevejniex meta ser jibda x-xogħol ta' rikostruzzjoni. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

## 45.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

45.3.1. Is-Sindku JC ressaq e-mail mibgħuta mis-Sur Mark Vella fejn talab li parti minn Triq ix-Xerriek jiġi asfaltat bi *scarified asphalt*.

45.3.1.1. Il-Kunsill ma qabilx li jsir xogħol bil-materjal suġġerit, minħabba l-livell ta' kwalità. Il-Kunsill qabel li jiġu prijoritizzati dawn il-bżonnijiet, u possibbilment jibdew isiru bil-konkos.

45.3.2. Is-Sindku JC ressaq e-mail mibgħuta mis-Sur Aaron Gusman fejn għamel referenza għal-livell tal-baħar fi Triq San Ġorġ u staqsa dwar x'passi/miżuri qed jieħu l-Kunsill.

45.3.2.1. Il-Kunsill innota d-diskussjoni li saret f'minuta 45.2.8.

45.3.2.2. Il-Kunsill qabel li ġaladarba din hija materja nazzjonali, għanda issir talba għall-informazzjoni lill-Ministru għall-Ambjent u l-Ministru għat-Trasport.

45.3.3. Is-Sindku JC ressaq korrispondenza mibgħuta mis-Sur Christian Sacco fejn talab l-permess tal-Kunsill sabiex ibaxxi l-bankina ta' quddiem propjetà tiegħu, minħabba li ser jiftaħ bieb ta' garaxx.

45.3.3.1. Il-Kunsill qabel li jingħata *no-objection* la darba jinfetaħ il-bieb kif spjegat.

45.3.4. Is-Sindku JC ressaq e-mail mibgħuta mis-Sur David Bonnici, għan-nom tal-Malta Volleyball, fejn talab l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill sabiex titpoġġa kaxxa tal-injam mal-ġenb tal-piċċ tar-ramel, sabiex ikunu jistgħu jaħżnu l-materjal tal-volleyball.

45.3.4.1. Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' *no-objection.*

45.3.4.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka li kif issuġġerixxa diġà, huwa tajjeb lill-Kunsill jirrevedi l-*masterplan*, sabiex ikollu stampa ċara tal-istat u spazju fil-Bajja in segwitu tal-iżvilupp kollu li qed isir / sar fil-Bajja s-Sabiħa.

45.3.5. Is-Sindku JC ressaq e-mail mibgħuta mis-Sur Ivan Zammit fejn talab li l-Kunsill sabiex fi Triq tal-Ġebel, fejn ser isir asfalt minn Transport Malta, isiru l-ispralli tal-ilma, biex b'hekk l-ilma tax-xita jiġi salvat u jintuża mill-bdiewa.

45.3.5.1. Il-Kunsill qabel li tali talba tintbagħat lil Transport Malta.

45.3.6. Is-Sindku JC ressaq e-mail mibgħuta mis-Sur Omar Azzopardi, operatur tar-ristorant District 5, fejn talab il-permess tal-Kunsill sabiex jillumina s-siġar tal-palm li hemm viċin ir-ristorant tiegħu.

45.3.6.1. Il-Kunsill qabel unanimament.

45.3.7. Is-Sindku JC ressaq e-mail mibgħuta mill-Malta Freeport fejn talbu l-*clearance* tal-Kunsill sabiex il-*boom* jitressaq għan-naħa l-oħra tal-pjattaforma, kif ukoll, sabiex tinbidel l-istruttura u ssir waħda li tikkumplimenta iktar mal-prominad.

45.3.7.1. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa sabiex jiġi diskuss id-disinn u/jew alternattivi oħra.

45.3.8. Is-Sindku JC ressaq talba minn resident ta' 81, fi Triq iż-Żurrieq sabiex issir rampa ta' aċċessibilta' quddiem ir-residenza tiegħu.

45.3.8.1. Il-Kunsill qabel li jsiru l-aġġustamenti.

## 45.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

45.4.1. Il-Kunsillier AC staqsa lis-Sindku dwar it-trejqa li hemm faċċata tal-Waterpolo Club, u l-*bollards* li hemm eżistenti.

45.4.1.1. Is-Sindku kkonferma li l-*bollards* kienu bil-katnazz u ftit residenti kellhom aċċess biex jiftħu l-*bollards*. Dan jirriżulta fi spazju pubbliku riservat għal ftit residenti.

**NB: 6.35pm Is-Sindku talab li jkun skużat.**
**Il-Viċi Sindku ippresjeda l-laqgħa**

45.4.1.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jitneħħew il-*bollards* u jsiru linji sofor, sabiex b'hekk kull resident ikollu aċċess liberu, u fl-istess ħin l-ispazju ma jistax jiġi okkupat minn xi ħadd partikolari.

45.4.1.3. Il-Kunsill innota wkoll li għad irid isir l-iżvilupp fiż-żona, liema żvilupp ġie diskuss mal-operatur tar-ristorant tal-Waterpolo Club. Il-Kunsill qabel li jerġa' jiġi avviċinat l-operatur, u dan sabiex ix-xogħol isir sa Ġunju.

45.4.2. Il-Kunsillier AC irrimarka li f'żewġ okkażżjonijiet li inzerta għaddej minn fejn l-iskola, waqt il-ħinijiet tal-ħruġ tat-tfal ma kienx hemm pulizija.

45.4.2.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li dan l-obbligu qiegħed imniżżel fid-*detail* tal-Għassa.

45.4.2.2. Il Kunsill qabel li ssir verifika.

45.4.3. Il-Kunsillier AC irrimarka dwar il-ġebel li hemm mitluq fi Triq Tal-Ġebel, li kien ser jintuża mill-persuna sabiex jitranġa l-ħajt tas-sejjieħ.

45.4.3.1. Il-Kunsill qabel li jittieħdu l-passi neċessarji sabiex jitneħħa l-ġebel inert.

45.4.4. Il-Kunsillier AC staqsa dwar il-proġett tal-bandli inklussiv. Huwa kien infurmat li l-Perit intalab japplika għall-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

45.4.5. Il-Kunsillier AC qal li jinsab infurmat li hemm l-intenzjoni ta' ġemellaġġ mal-belt Ċiniża li magħha l-Kunsill għandu ftehim ta' kooperazzjoni. Hu staqsa għall-informazzjoni.

45.4.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li m'għandux informazzjoni, u jekk dan huwa l-każ, trid issir talba għall-approvazzjoni lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

45.4.5.2. Il-Kunsill qabel li din il-mistoqsija għandha tiġi diretta lis-Sindku għal iktar informazzjoni.

45.4.6. Il-Kunsillier AC staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar ir-*roundabout* issuġġerita' minnu fit-tarf ta' Triq F.M. Ferretti. Huwa kien infurmat li ser issir verifika.

45.4.7. Il-Kunsillier AC staqsa rigward il-flus li jagħti il-Freeport lill-Għaqdiet tal-Lokalita' u staqsa dwar l-eżitu tal-laqgħa.

45.4.7.1. Huwa kien infurmat li saret din il-laqgħa fejn intalbu id-dettalji ta' min qed jieħu l-fondi, kif ukoll intalab li l-Freeport jinkludi servizz ta' trasport lill-anzjani.

45.4.7.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka li dan il-fond mhuwiex xi *sponsorship* b'kapriċċ, imma huwa obbligu lejn il-komunita' mill-Freeport.

45.4.8. Il-Viċi Sindku irrimarka dwar l-operat ta' kummerċjant fejn kontinwament qed iħalli *trailers* u oġġetti ta' ngombru fuq il-bankina fi Triq il-Brolli. Huwa żied jgħid li possibbilment dan ix-xogħol qed isir mingħajr il-permessi neċessarji.

45.4.9. Il-Kunsillier AC għamel referenza għad-dwal ta' Triq F.M. Ferretti, u irrimarka li l-ewwel parti għadha bla dawl.

45.4.10. Il-Kunsilliera LAG staqsiet jekk il-Kunsill kienx infurmat li t-Tnejn kien hemm vapur tal-Freeport li kien qiegħed idaħħan esaġeratament. Hija kienet infurmata li tali rapporti ma daħlux il-Kunsill. Hija kienet infurmata wkoll li f'tali ċirkostanza għandu jsir rapport lil Freeport dak il-ħin stess, ħalli jieħdu l-passi neċessarji.

45.4.11. Il-Kunsilliera JBD staqsiet jekk kienx hemm żviluppi dwar l-ilma qiegħed li jirriżulta kontinwament fejn il-pont tal-Bajja s-Sabiħa, ta' viċin il-lukanda Water's Edge. Hija kienet infurmata fin-negattiv.

45.4.12. Il-Kunsilliera JBD staqsiet dwar il-possibilita' li fil-biċċa spazju miftuħ li hemm fejn Ferretti Restaurant, jiġi krejat spazju ta' rikreazzjoni żgħir. Il-Kunsill qabel li tiġi studjata din il-possibilta'.

45.4.13. Il-Kunsillier JBO staqsa jekk kienx hemm rapporti ta' iktar storbju mis-soltu ġej mix-*shooting range*, f'dawn l-aħħar ġranet, speċjalment il-Ħadd wara nofsinhar.

45.4.13.1. Il-Kunsill qabel li ssir verifika, u nikkomunikaw dan max-*shooting range*, sabiex possibbilment ikun hemm ħin ta mistrieħ.

45.4.14. Il-Kunsillier SZ irrefera għal Miżura 4.4, li titratta bini ta Ħitan tas-Sejjieħ, u staqsa l-possibiltà li l-Kunsill jipparteċipa.

45.4.14.1. Il-Kunsill qabel li jinħadmu l-istimi, u ssir laqgħa mal-Perit.

45.4.15. Il-Kunsillier SZ irrimarka li f'Hal Far, wara Penza, hemm munzell kbir ta' terrapien u meta jkun ir-riħ lejn iż-żona residenzjali, qed ikun hemm tniġġis tal-arja minħabba t-trabijiet, għal fuq ir-residenti meta jkun bir-riħ.

## 45.5 Rapporti;

45.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kif irrakkomandat u approvat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, u skont il-provvedimenti tal-liġi, inħarġet sejħa interna għal mili ta' post vakant ta' Skrivan/a *full*-time. Sad-data tal-għeluq, il-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda, dik tas-Sinjura Gloria Abela.

45.5.1.1. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Abela għandha l-kredenzjali biżżejjed sabiex tokkupa dan l-irwol, u għalhekk approva l-ħatra tagħha ta' skrivana fi Skala 15 fuq bażi *full-time*.

## 45.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

45.6.1. Ma kienx hemm rapporti mressqa.

## 45.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

45.7.1. Il-Viċi Sindku JB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 03/18 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

45.7.1.1. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal pagamenti 71,72,73, u talab li tiżdied in-nota li dawn ser jiġu rimborsati mir-Reġjun.

45.7.1.2. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal pagamenti 92 u 93, u innota li dawn qed jinbidlu ta' spiss. Huwa kien infurmat li hemm problema ta' *overheating*.

45.7.1.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AC u ssekondata mill-kunsillier JBO, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

45.7.2. Il-Viċi-Sindku JB ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Frar 2018 bir-riferenza 02/2018 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

45.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JBD u ssekondata mill-Kunsilliera LAG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

45.7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li inġabu diversi kwotazzjonijiet għal-ġeneratur tad-dawl. Il-Kunsill approva x-xiri ta' tali apparat.

45.7.4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar il-bżonn li jinxtara *rotary hammer.* Il-Kunsill approva x-xiri ta' tali apparat.

45.7.5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar il-bżonn li l-Kunsill jaħseb għal vettura sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jġorru l-materjal għax-xogħlijiet. Huwa fakkar li l-vettura preżenti hija waħda żgħira li nxtrat b'valur baxx , u iżda li qdiet il-Kunsill f'dawn l-aħħar sentejn. Madankollu, issa qed jinħassu l-effetti tal-użu. Il-Kunsill qabel li għandha ssir riċerka dwar possibiltajiet differenti għall-akkwist ta' vettura, u li għandha tkun vettura adekwata għall-ġarr ta' materjal.

45.7.6. Il-Kunsill qabel li jibdew jinġabu l-kwotazzjonijiet għal bdil tal-għamara tal-kamra tal-laqgħat sabiex tkun tista' tibda takkomoda l-bżonnijiet tal-Kunsill.

## 45.8 Mozzjonijiet;

45.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 45.9 Applikazzjoni ta' Żvilupp;

45.9.1. Applikazzjoni bin-Numru PA/08729/17 li tirrigwarda rilokazzjoni tal-*Attendants' Area* għall-kiri ta' għamara tal-bajjiet. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

45.9.2. Applikazzjoni bin-Numru PA/02901/16 li tirrigwarda żvilupp ta' numru ta' residenzi fi Triq Għar Dalam/Triq F.M. Ferretti u Triq F.C. Bourlemaque. Il-Kunsill qabel li għandu juri l-interess f'din l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

45.9.3. Applikazzjoni bin-Numru PA/00651/18 li tirrigwarda bini ta' kumpless industrijali f'Hal Far. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

45.9.4. Applikazzjoni bin-Numru PA/00810/18 li tirrigwarda estensjoni fuq żvilupp eżistenti f'Hal Far. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 45.10 Triq il-Batterija

45.10.1. Il-Viċi Sindku ressaq ir-risposti riċevuti mingħand ir-residenti ta' Triq il-Batterija, fejn ġie mitlub l-opinjoni tagħhom dwar it-traffiku fit-triq. Il-Viċi Sindku qal li jidher ċar li r-residenti ma jridux ċaqliq ta' parkeġġ, imma jippreferu t-triq tiġi *one-way.*

45.10.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jintalab il-parir tal-perit tal-Kunsill.

**NB: 8.28 pm. Il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa tiġi estiża b'siegħa**

## 45.11 Offerti Pubbliċi;

45.11.1. Il-Viċi Sindku JB talab lis-Segretarju Eżekuttiv jinforma lill-membri tal-Kamra.

45.11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fix-xhur li ġejjin ser jiskadi l-kuntratt tal-Photocopier. Il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa skont il-każ.

45.11.3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill huwa mitlub mir-Reġjun Nofsinhar jikkonferma jekk hux interessat jingħaqad mar-Reġjun fil-ħruġ tal-offerta ta' Manutenzjoni ta' Dwal tat-Toroq. Il-Kunsill qabel li juri l-interess jingħaqad mar-Reġjun.

45.11.4. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq id-dokument tal-offerta taż-Żamma tal-Latrini Pubbliċi, li kien approvat mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Il-Kunsill approva li tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

## 45.12 Street Lighting

45.12.1. Il-Kunsillier SZ fakkar dwar twaħħil ta' bozza ġdida fi Triq il-Kostituzzjoni qabel iddur għal fejn il-grawnd mill-laqgħa preċedenti. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir ma' arblu.

45.12.2. Il-Kunsillier SZ fakkar wkoll li hemm bżonn ta' stallazzjonijiet ġodda fi Sqaq il-Giligejla u fi Sqaq li minn Triq l-Immakulata Kunċizzjoni jagħti għat-triq prinċipali kif elenkat fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsill qabel li dawn isiru ma' arblu u ma' faċċata ta' residenza rispettivament.

45.12.3. Il-Viċi Sindku JB qabel li titwaħħal bozza ġdida viċin Genrick Farmhouse u oħra viċin Four Winds Farmhouse fi Triq Tal-Ġebel. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier SZ jiddetermina l-lokazzjoni tal-bozoz, u jipproċedi bl-istallazzjoni.

45.12.4. Il-Kunsill qabel li titwaħħal bozza fi Triq San Filippu li tibda minn Triq il-Port Ħieles ma' arblu eżistenti.

## 45.13 Attivitajiet tal-Kunsill;

45.13.1. Il-Kunsillier AC irrimarka li kif qabel il-Kunsill, Jum Birżebbuġa hija pjanata għas-16 ta' Settembru.

45.13.2. Il-Kunsillier AC irrimarka li l-Kunsill għadu ma ddecidiex meta ħa ssir l-attività Regatta f'Birżebbuġa, ħlief li ddiskuta l-possibiltà li ssir f'Ġunju. Huwa irrimarka li hemm bżonn tiġi iffissata l-ġurnata.

## 45.14 Bye-Law – Karrijiet u oġġetti ta' ingombru;

45.14.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ġew ippubblikati l-avviżi skont il-provvediment tal-liġi.

45.14.2. Huwa informa li sad-data tal-għeluq, il-Kunsill irċieva l-opinjoni tal-Għaqda Sajjieda Dilettanti Birżebbuġa, liema opinjoni ġiet ċirkolata minn qabel, u għaldaqstant ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

45.14.2.1. Il-Kunsill innota li l-għaqda taqbel fil-prinċipju mal-*Bye-Law* proposta.

45.14.3. Il-Kunsill approva li l-*bye-law* tiġi proċessata.

45.14.4. Il-Kunsill qabel ukoll li Transport Malta tiġi avviċinata u ssir talba għall-*pontoons*.

## 45.15 Sistema ta' Traffiku: Triq Sant' Anġlu;

45.15.1. Il-Viċi Sindku JB ippreżenta disinni imressqa minnu stess, u ieħor mill-Kunsillier SZ, li jittrattaw din it-triq u toroq tal-madwar. Il-Viċi Sindku innota li d-differenza kienet biss fi triq waħda, u li dak li ppreżenta l-Kunsillier SZ kien iktar addattat.

45.15.2. Wara diskussjoni libera l-Kunsill approva unanimament id-disinn propost tal-Kunsillier SZ, u qabel li l-proposta tintbagħat lil Transport Malta.

## 45.16 Miżura 4.4

45.16.1. Din il-materja ġiet diskussa qabel.

## 45.17 Proġett minn TM u MOT;

45.17.1. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar korrispondenza riċevuta mis-Sur Mark Camilleri mill-Ministeru tat-Turiżmu, fejn hemm elenkat iż-żewġ proposti prinċipali diskussi. L-ewwel proposta hija li Triq San Patrizju u Triq San Filippu isiru direzzjoni ta' traffiku waħda, f'direzzjonijiet opposti, Misraħ is-Summit isir "semi-pedestrianised" sabiex jitħalla l-operat tal-Bus Terminus. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju kif ukoll maqbul f'seduti preċedenti. It-tieni proposta hija l-*by-pass* fejn għad hemm xi riżervi min-naħa tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għad hemm riservi.

## 45.18 Nuqqas ta' Attendenza – Kunsillier Johann Borg;

45.18.1. Il-Viċi Sindku JB informa dwar l-attendenza tal-Kunsillier Johann Borg, li naqas milli jattendi għal iktar minn terz tal-laqgħat imsejħa fi żmien sitt xhur.

45.18.2. Il-Kunsill qabel li n-nuqqas t'attendenza tal-Kunsillier JBO hija ġustifikata, u għaldaqstant il-Ministru għandu jkun infurmat sabiex ma jiddikjarax il-post vakanti.

## 45.19 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

45.19.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.58 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 16 ta' April, 2018 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 16 ta' April, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |